# LINJI GWIDA GĦALL-ISTUDENTI U L-ĠENITURI

## DWAR IL-BENCHMARK TA'

## TMIEM IL-PRIMARJA 2013

**Meta u fejn se ssir l-Ewwel Sessjoni tal-*Benchmark*?**

**L-Ewwel Sessjoni** tal-*Benchmark* se ssir bejn id-29 ta' Mejju u l-5 ta' Ġunju 2013. Ara l-orarju tal-ħinijiet mehmuż ma' dawn il-linji gwida.
L-istudenti kollha jagħmlu l-eżami tal-*Benchmark* fl-iskola rispettiva tagħhom.

**Hemm bżonn napplika għall-Ewwel Sessjoni tal-*Benchmark*?**

L-istudenti tal-iskejjel Statali m'għandhomx għalfejn japplikaw. Madanakollu, l-iskejjel tal-Knisja u dawk Indipendenti huma mistiedna jirreġistraw lill-istudenti tas-Sitt Sena tagħhom għal dan l-eżami. L-applikazzjoni għall-eżami toħroġ ma' Ittra Ċirkulari f'Jannar u l-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu sa Frar.

**Meta u fejn issir it-Tieni Sessjoni tal-*Benchmark*?**

**It-Tieni Sessjoni** tal-*Benchmark* se ssir bejn is-17 u l-21 ta' Ġunju 2013 bejn il-5.00 u t-8.00 ta' filgħaxija. Ara l-orarju tal-ħinijiet mehmuż ma' dawn il-linji gwida.
Il-komponenti kollha tat-Tieni Sessjoni, f'Malta se jsiru fl-Iskola Primarja, il-Furjana (Kulleġġ San Ġorġ Preca) u f'Għawdex fl-Uffiċċju tal-Edukazzjoni tar-Rabat.



**Min jista' jagħmel it-Tieni Sessjoni tal-*Benchmark*?**

It-Tieni Sessjoni tal-*Benchmark* jistgħu jagħmluha:

(a) studenti li jkunu temmew is-Sitt Sena fi skola Statali, tal-Knisja jew Indipendenti li jkunu ħadu sehem fl-Ewwel Sessjoni tal-*Benchmark* iżda kienu morda jew assenti waqt xi komponent jew il-komponenti kollha tal-Ewwel Sessjoni.

Wara l-Ewwel Sessjoni tal-*Benchmark*, dawn l-istudenti jridu jippreżentaw lill-iskola tagħhom ritratt tagħhom daqs ta' passaport li jkun iffirmat minn professjonist li jiddikjara li r-ritratt huwa awtentiku. Dan ir-ritratt irid jinhemeż mal-karta tal-identità li t-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv tipprovdi lill-iskola. Ir-ritratt għandu jingħata lill-Kap tal-Iskola sat-**12 ta' Ġunju 2013**.

(b) studenti li jkunu temmew is-Sitt Sena fi skola tal-Knisja jew Indipendenti u li ma tkunx ħadet sehem fl-Ewwel Sessjoni tal-*Benchmark*. Dawn iridu jimlew il-formola tal-applikazzjoni li tista' tinġabar mis-**6 ta' Mejju 2013** 'il quddiem mit-Taqsima tal-*Customer Care*, id-Direttorati tal-Edukazzjoni, il-Furjana jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex. Din l-applikazzjoni tista' wkoll titniżżel mis-sit http://www.curriculum.gov.mt . L-applikazzjoni mimlija kif suppost għandha tasal fit-Taqsima tal-*Customer Care*, il-Furjana jew fl-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex sa mhux aktar tard mis-**17 ta' Mejju 2013**.

Ritratt tal-istudent/a daqs ta' passaport, iffirmat minn professjonist li jiddikjara li r-ritratt huwa awtentiku, għandu jiġi ppreżentat mal-applikazzjoni.

**Liema huma l-komponenti differenti tal-*Benchmark*?**

**L-INGLIŻ u L-MALTI**

Il-karti tal-lingwi fihom **erba'** komponenti, kif muri f'din it-tabella:

| Il-Komponent | Il-Marki | Il-Ħin tal-Eżami |
|---|---|---|
| Is-Smigħ/ Listening | 20 | 30 minuta |
| It-Taħdit/ Speaking | 20 | 10 minuti |
| Il-Qari/ Reading | 30 | 50 minuta |
| Il-Kitba/ Writing | 30 | 60 minuta |

**Is-Smigħ (20 marka)**

Jingħataw **żewġ** testi bit-taħriġ magħhom irrekordjati fuq diska kompatta.

- L-ewwel test jista' jkun *djalogu, konversazzjoni, avviż, monologu, istruzzjonijiet, direzzjonijiet, deskrizzjoni jew bullettin tal-aħbarijiet fosthom rapport tat-temp.*
- It-tieni test jista' jkun *monologu, djalogu, jew konversazzjoni.*

L-istudenti jintalbu biex: *jimlew il-vojt bi kliem jew numri; jimmarkaw jekk sentenza hijiex Veru, Falz jew Ma ssemmietx; jaqtgħu linja taħt, jagħmlu ċirku madwar jew jimmarkaw it-tweġiba t-tajba; iqabblu frażi ma' oħra; ikomplu jimlew tabelli b'informazzjoni; u jagħtu tikketta lil stampi jew tpinġija sempliċi.*

- L-istudenti jisimgħu ż-żewġ testi u l-mistoqsijiet irrekordjati **darbtejn**. L-istudenti jintalbu:
    1. jisimgħu t-test, u waqt li jisimgħuh, ikunu jistgħu jaħdmu t-taħriġ fuqu;
    2. jisimgħu l-mistoqsijiet u jweġbuhom waqt li jisimgħuhom;
    3. jisimgħu t-test għat-tieni darba;
    4. jisimgħu l-mistoqsijiet għat-tieni darba u jtemmu t-taħriġ waqt li jkunu qed jisimgħuh.



L-istudenti jingħataw il-ħin biex jiċċekkjaw it-tweġibiet tagħhom.

**It-Taħdit (20 marka)**

L-għalliem tal-klassi jistaqsi l-mistoqsijiet lill-istudenti tiegħu stess u flimkien mal-għalliem l-ieħor li jkun preżenti għall-eżami jagħtu l-marka. Normalment l-istudenti jiġu assessjati **tnejn tnejn**. Madanakollu, l-iskola tista' tiddeċiedi li tassessja studenti individwalment jekk tħoss li jkun aktar ta' ġid għalihom. Waqt it-taħdit, l-istudenti jiġu indirizzati b'isimhom u individwalment u jingħataw ħin indaqs biex jitħaddtu.

Kull student irid jagħmel **erba'** eżerċizzji tat-taħdit.

- L-ewwel ikun hemm *it-Tħejjija*, li ma tkunx assessjata.
- It-tieni tkun *l-Intervista* u l-istudenti jkollhom mistoqsijiet fuq żewġ temi.
- It-tielet u r-raba' eżerċizzju jistgħu jkunu tnejn minn dawn: *Qabbel; Staqsini Inti; Stampa Waħda; Stampa Storja; Stampi dwar Tema.*

Tagħrif ieħor jista' jinkiseb minn http://www.education.gov.mt/curriculum2 .

**Il-Qari (30 marka)**

Il-komponent tal-Qari fih żewġ taqsimiet:

- L-ewwel taqsima jista' jkollha: *tpinġija, stampa jew sett stampi b'silta marbuta magħhom; orarji jew skedi ħfief; testi qosra bħal avviżi, tabelli, posters, istruzzjonijiet, direzzjonijiet, riklami, 'blurbs', u messaġġi.*

L-istudenti jintalbu jaħdmu eżerċizzji minn dawn: *jimlew il-vojt bi kliem jew numri; jaqtgħu linja taħt it-tajba; jagħmlu ċirku madwar, jimmarkaw it-tweġiba t-tajba; iqabblu; ikomplu jimlew tabelli b'informazzjoni, u jagħtu tikketta lil stampa jew tpinġija sempliċi.*

- It-tieni taqsima tista' tkun test, fittizju jew fattwali, ta' madwar 500 kelma. It-test jinqasam f'partijiet, b'mistoqsijiet fuq kull parti. Ikun hemm ukoll mistoqsijiet fuq it-test sħiħ.

L-istudenti jkunu mistennija jwieġbu firxa ta' mistoqsijiet fuq il-fehim billi *jimlew il-vojt bi kliem jew numri; jaqtgħu linja taħt it-tajba, jagħmlu ċirku madwar, jew jimmarkaw it-tweġiba t-tajba; iqabblu; jimmarkaw jekk sentenza hijiex Veru, Falz, jew Ma ssemmietx; ikomplu tabella*; u *jagħtu tweġiba*. Jistgħu jiġu assessjati wkoll fuq għarfien il-lingwa. Meta jiġu biex jagħtu tweġiba bil-miktub, l-istudenti jridu juru li fehmu dak li qraw.

**Il-Kitba (30 marka)**

Ikun hemm Kitba Qasira (10 marki) u Kitba Twila (20 marka). Fiż-żewġ kitbiet, l-ortografija, il-punteġġjatura, u l-grammatika jiġu assessjati minħabba l-importanza tagħhom. Huwa importanti li l-istudenti jagħmlu l-pjan bi tħejjija għall-kitba u dan ikollu 4 marki.

- Il-Kitba l-Qasira titlob lill-istudenti jiktbu bejn 50 u 60 kelma fuq wieħed minn dawn: *nota/messaġġ; ittra elettronika informali; stedina; avviż; riklam; djalogu qasir; istruzzjonijiet; direzzjonijiet; jew paragrafu qasir dwar tema.*

- L-istudenti jagħżlu waħda minn żewġ titli ta' kitba twila. Dawn ikunu tal-istess ġeneru (ngħidu aħna, djalogu qasir) iżda jittrattaw temi differenti (bħal, ngħidu aħna, djalogu dwar ħarġa ma' tal-iskola, jew djalogu dwar attività sportiva).



Fil-Kitba t-Twila l-istudenti jintalbu jiktbu bejn 140 u 200 kelma fuq wieħed minn dawn: *ittra informali; kitba dwar avveniment; artiklu; jew storja qasira għar-rivista tal-iskola jew pubblikazzjoni simili għal studenti żgħar*. Fil-Malti, il-Kitba t-Twila tista' tinkludi wkoll *djalogu*.

- L-istudenti jistgħu jippjanaw il-Kitba t-Twila tagħhom kif iridu. Il-pjan jista' jkun minn lista ta' punti sa għanqbuta jew kull xorta ta' mappa kunċettwali. Tista' tintuża wkoll it-tpinġija. Madanakollu, abbozz tal-kitba finali MA JITQIESX bħala pjan.

Il-pjan għandu jsir QABEL il-Kitba t-Twila biex l-istudent jibqa' ffukat fuq dak li għandu jikteb.

Tagħrif ieħor dwar it-tħejjija għall-kitba jista' jinkiseb mis-sit http://www.curriculum.gov.mt taħt is-sezzjoni tal-*Benchmark*.

**IL-MATEMATIKA**

Il-*Benchmark* tal-Matematika fih żewġ karti:

- **Il-Karta Mentali** jkollha 20 marka u tieħu kwarta (15-il minuta);
- **Il-Karta Miktuba** jkollha 80 marka u tieħu siegħa u kwart (75 minuta).

**Il-Karta Mentali (20 marka)**

Il-Karta Mentali jkun fiha għoxrin mistoqsija qasira li jinqraw darbtejn mill-għalliem. L-istruzzjonijiet jinqraw kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti. Il-mistoqsijiet jinqraw bl-Ingliż biss. Fil-bidu jkun hemm xi mistoqsijiet ħfief u lejn l-aħħar ikun hemm xi mistoqsijiet tqal.

Il-ħin biex jitwieġbu l-mistoqsijiet waħda waħda f'kull taqsima jkun hekk:

l-ewwel 5 mistoqsijiet … intervall ta' 5 sekondi wara kull mistoqsija
l-10 mistoqsijiet ta' wara … intervall ta' 10 sekondi wara kull mistoqsija
l-aħħar 5 mistoqsijiet … intervall ta' 20 sekonda wara kull mistoqsija

**Il-Karta Miktuba (80 marka)**

Fil-Karta Miktuba l-mistoqsijiet ikunu dwar in-Numri u l-Alġebra; Kejlijiet, Forom u Spazji; It-Tħaddim tad-*Data* u s-Soluzzjoni ta' Problemi. (*Number and Algebra; Measures, Shape and Space; Data Handling* u *Problem Solving*.) Il-karta jkun fiha sittax-il mistoqsija li l-istudenti huma mistennija jweġbuhom kollha.

**Waqt is-sessjoni tal-Matematika, l-istudenti jistgħu jużaw kalkulatur?**

L-istudenti ma jistgħux jużaw kalkulatur għall-ebda parti tal-karti tal-Matematika.

**Fil-Karta Mentali tal-Matematika, l-istudenti jistgħu juru xogħolhom kif waslu għas-soluzzjoni?**

Iva, l-istudenti jistgħu juru xogħolhom fil-Karta Mentali. Madanakollu, it-tweġiba għal kull mistoqsija għandha titniżżel b'mod ċar fil-kaxxa pprovduta. MA JISTGĦUX jintużaw karti oħra ħlief dawk ipprovduti.

**Fejn jistgħu l-istudenti jsibu r-riżorsi tal-*Benchmark*?**

Ir-riżorsi tal-*Benchmark* tista' ssibhom fis-sit http://www.curriculum.gov.mt . Fost oħrajn tista' ssib karti tal-eżami mgħoddija u skemi ta' marki għall-Malti, l-Ingliż u l-Matematika kif ukoll l-eżamijiet tal-Fehim mis-Smigħ irrekordjati tal-Malti u tal-Ingliż.



**Xi provvedimenti hemm għall-istudenti kollha li jagħmlu l-*Benchmark*?**

- L-istudenti kollha għandhom il-ħin żejjed biex jagħmlu l-eżami u ma jtellfux lil dawk l-istudenti li jeħtiġuh.
- L-għalliem tal-klassi jiġbed l-attenzjoni ta' min ikun jeħtieġ jiffoka fuq l-eżami (*Prompter*).

**Liema arranġamenti se jingħataw biex l-eżami jkun aktar aċċessibbli?**

L-arranġamenti t'hawn taħt jistgħu jingħataw lill-istudenti jekk ikunu mniżżla fir-rapport professjonali tagħhom mogħti lit-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv, u/jew wara li l-istudenti jkunu ġew assessjati mill-SpLD (Specific Learning Difficulties Service), mill-SPS (School Psychological Service), jew minn xi entità professjonali oħra:

- Lil studenti li għandhom diffikultà biex jiktbu minħabba xi impediment fiżiku (pereżempju, idhom fil-ġibs), l-iskola tipprovdilhom amanwensi li jikteb dak li jiddettalu l-istudent.
- L-istudenti jistgħu jingħataw it-tabelli tal-multiplikazzjoni għall-Karta Miktuba tal-Matematika.
- Il-karti jistgħu jkunu stampati b'tipa ikbar għal studenti li jbatu mill-vista.
- L-istudenti li jbatu mis-smigħ jingħataw komunikatur.
- L-istudenti li għandhom livell ta' qari iktar baxx minn dak ta' tfal ta' 8 snin jingħataw qarrej għall-Karta Miktuba tal-Matematika.

**Arranġamenti Addizzjonali biex l-eżami jkun aktar aċċessibbli minn Ġunju 2013:**

- Assistenza waqt il-qari tal-karti tal-Fehim mill-Qari tal-Malti u tal-Ingliż: waqt il-Fehim mill-Qari, kull waħda mill-karti tinqara darbtejn, b'mod elettroniku. Il-mistoqsijiet jinqraw darbtejn ukoll. Waqt li s-silta tkun qed tinqara, tiġi

pproġettata fuq il-bord interattiv (jew fuq il-ħajt, jew fuq il-*laptop*) u l-kliem li jkun qed jinqara jinxtegħel. L-istudenti jingħataw ftit ħin biex jagħtu t-tweġiba meħtieġa. Kampjun irrekordjat ta' Fehim mill-Qari (tal-Malti u tal-Ingliż) tista' ssibu fil-Youtube http://youtu.be/0uh-h6Rrx4M u http://youtu.be/9eIeVnE-kVw .

- Ikun hemm skriba biex jikteb il-kliem li ma jingħarafx fil-karti tal-Kitba tal-Malti u tal-Ingliż. Dan isir wara li l-istudent ilesti x-xogħol tal-kitba tiegħu. L-iskriba jikteb dak il-kliem li ma jingħarafx b'pinna ħadra biex min jikkoreġi jkun jista' jifhem l-ideat u l-kitba tal-istudent.

Dawk l-istudenti li jingħataw assistenza waqt il-qari, fir-rapport tar-riżultati finali jitniżżlilhom li l-komponent tal-qari sar b'arranġament biex l-eżami jkun aċċessibbli.

**Jingħataw eżenzjonijiet fil-*Benchmark*?**

L-istudenti kollha huma mistennija li jagħmlu l-komponenti differenti tal-*Benchmark*. Madanakollu, xi studenti jistgħu jiġu eżentati mill-komponenti kollha jew uħud minnhom jekk jissodisfaw ċerti kriterji.

Hemm żewġ tipi ta' eżenzjonijiet:

(a) Tfal ta' emigranti Maltin jew barranin jistgħu japplikaw għal eżenzjoni mill-Ingliż u/jew mill-Malti jekk ma jkunux tgħallmu s-suġġett/i fl-aħħar sentejn tal-iskola Primarja f'Malta jew f'Għawdex. Mat-talba trid tintbagħat kopja ffirmata tal-Ittra Uffiċjali għad-Dħul fl-Iskola għal Studenti Barranin jew xi dokumentazzjoni oħra rilevanti għal din l-eżenzjoni.

(b) Tfal li jkunu qed isegwu programm alternattiv ta' tagħlim u/jew li għandhom livell ta' skola iktar baxx minn tat-Tielet Sena tal-Primarja **JEW** tfal b'diżabilità severa jistgħu jitolbu eżenzjoni minn komponenti partikulari ta' suġġetti differenti. (Huwa rrakkomandat li l-assessjar ta' dawn it-tfal isir mill-iskola).



**X'jista' jagħmel student jekk jieħu żball waqt l-eżami?**

Meta student jieħu żball u jkollu bżonn jaqta' t-tweġiba, l-aħjar jaqtagħha (il-kelma/in-numru) u jiktibha pulit mill-ġdid.

**Jista' student juża *t-tipex* biex iħassar xi tweġiba waqt il-*Benchmark*?**

It-*tipex* u /jew mezzi oħra ta' korrezzjoni simili ma JISTGĦUX jintużaw.

**Jista' student jikteb bil-lapes?**

Huwa rrakkomandat li kull kitba ssir bil-*biro*. L-istudenti għandhom jiktbu b'*biro* blu jew sewda. L-istudenti ma JISTGĦUX jiktbu b'*biro* li titħassar.

**Kif u meta l-istudenti jirċievu r-riżultati tal-*Benchmark*?**

It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv tibgħat ir-riżultati tal-*Benchmark* lill-iskejjel rispettivi. Kull skola ddaħħal il-marki tar-Reliġjon u tal-Istudji Soċjali (u tax-Xjenza f'xi skejjel) mal-assessjar tal-għalliema fir-rapport tar-riżultati u wara tibagħtu lill-istudenti. Ir-riżultati jintbagħtu sal-ewwel ġimgħa ta' Lulju.

**Kif ser jidhru r-riżultati?**

Ir-Rapport ta' Tmiem il-Primarja jkun fih il-marki ta' kull wieħed mill-erba' komponenti tal-Malti u l-Ingliż (il-Fehim mis-Smigħ, it-Taħdit, il-Fehim mill-Qari, u l-Kitba) u taż-żewġ komponenti tal-Matematika (il-Karta Mentali u l-Karta Miktuba), kif ukoll il-marka totali ta' kull suġġett. F'kolonna separata tingħata l-marka medjana nazzjonali.

**X'inhi l-Marka Medjana?**

Il-marka medjana hija l-marka tan-nofs meta tieħu l-marki tal-istudenti kollha minn lista li tibda mill-inqas sal-ogħla marka. Il-marka medjana tista' tintuża biex magħha jitqabblu r-riżultati tal-istudenti f'kull komponent.

**Kif jingħataw il-marki?**

Il-marka tat-Taħdit tal-Malti u l-Ingliż tingħata mill-għalliema li jmexxu l-eżami. Huma jużaw il-karti tal-marki u l-kriterji li jingħatawlhom mit-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv.

Il-komponenti l-oħra kollha jiġu kkoreġuti minn żewġ markaturi li ma jkunux jafu l-marki ta' xulxin. Fuq il-karta tal-eżami, il-markaturi ma jniżżlu xejn biex ma jinfluwenzawx lil xulxin. Jekk ikun hemm diskrepanza fil-marki, jitqabbad it-tielet markatur biex jerġa' jikkoreġi l-karta. Matul il-proċess, il-markaturi ma jarawx l-ismijiet tal-istudenti u l-iskola tagħhom.

**Jista' student jitlob għal reviżjoni tal-karta?**

Jekk student iħoss li jeħtieġ issir reviżjoni tal-karta, huwa għandu jinforma lill-iskola tiegħu minnufih. L-iskola mbagħad tiċċekkja jekk hemmx evidenza ta' diskrepanza bejn kif mar l-istudent matul is-sena u l-marka tiegħu tal-*Benchmark*, u tagħmel talba lit-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv biex issir ir-reviżjoni tal-karta. Din it-talba trid tasal lit-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv sal-**15 ta' Lulju 2013.**

**Għeluq**

Ir-riżultati tal-*Benchmark* jipprovdu tagħrif dwar il-proċess tat-tagħlim. Huma jgħarrfu lill-istudenti, il-ġenituri, l-għalliema u l-iskejjel bil-ħiliet miksuba mill-istudenti li jkunu ġew assessjati. Din l-informazzjoni hija siewja għall-iskejjel Primarji u Sekondarji u tgħin fit-tqassim tal-istudenti għall-Malti, l-Ingliż u l-Matematika fl-iskejjel Sekondarji Statali.

# Tqassim il-Ħin Rivedut

| **IL-*BENCHMARK* TA’ TMIEM IL-PRIMARJA (Is-Sitt Sena)**<br>**ĠUNJU 2013 (L-Ewwel Sessjoni)** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| ***L-Erbgħa*<br>*29 ta’ Mejju*** | ***Il-Ħamis*<br>*30 ta’ Mejju*** | ***Il-Ġimgħa*<br>*31 ta’ Mejju*** | ***It-Tnejn*<br>*3 ta’ Ġunju*** | ***It-Tlieta*<br>*4 ta’ Ġunju*** | ***L-Erbgħa*<br>*5 ta’ Ġunju*** |
| **Il-Malti**<br>***It-Taħdit*** | **L-Ingliż**<br>***It-Taħdit*** | 8.45 – 9.35 | 8.45 – 9.45 | 8.45 – 9.45 | 8.45 – 9.00 |
| | | **(50 minuta)***<br>**Il-Malti**<br>***Il-Fehim mill-Qari*** | **(60 minuta)**<br>**Il-Malti**<br>***Il-Kitba*** | **(60 minuta)**<br>**L-Ingliż**<br>***Il-Kitba*** | **(15-il minuta)**<br>**Il-Matematika**<br>***Il-Karta Mentali*** |
| | | 9.35 – 10.40<br>*Waqfa ta’ siegħa u 5 minuti* | 9.45 – 10.15<br>*Waqfa ta’ 30 minuta* | 9.45 – 10.15<br>*Waqfa ta’ 30 minuta* | 9.00 – 9.15<br>*Waqfa ta’ 15-il minuta* |
| | | 10.40 – 11.30 | 10.15 – 10.45 | 10.15 – 10.45 | 9.15 – 10.30 |
| | | **(50 minuta)***<br>**L-Ingliż**<br>***Il-Fehim mill-Qari*** | **(30 minuta)**<br>**Il-Malti**<br>***Il-Fehim mis-Smigħ*** | **(30 minuta)**<br>**L-Ingliż**<br>***Il-Fehim mis-Smigħ*** | **(Siegħa u 15-il minuta)**<br>**Il-Matematika**<br>***Il-Karta Miktuba*** |

* Studenti li għandhom Qarrej ikollhom 30 minuta miżjuda.
N.B. Nhar il-Ġimgħa 31 ta’ Mejju, jekk ikun meħtieġ, l-iskola tista’ tkompli l-komponenti tat-Taħdit fil-Malti u fl-Ingliż, wara l-11.30.

# IL-*BENCHMARK* TA' TMIEM IL-PRIMARJA (Is-Sitt Sena)
# ĠUNJU 2013 (It-Tieni Sessjoni)

| *It-Tnejn 17 ta' Ġunju* | *It-Tlieta 18 ta' Ġunju* | *L-Erbgħa 19 ta' Ġunju* | *Il-Ħamis 20 ta' Ġunju* | *Il-Ġimgħa 21 ta' Ġunju* |
|---|---|---|---|---|
| 17.00 – 18.00 | 17.00 – 18.00 | 17.00 – 17.15 | **17.00 – 20.00**<br>**Il-Malti**<br>***It-Taħdit*** | **17.00 – 20.00**<br>**L-Ingliż**<br>***It-Taħdit*** |
| **(60 minuta)**<br>**Il-Malti**<br>***Il-Kitba*** | **(60 minuta)**<br>**L-Ingliż**<br>***Il-Kitba*** | **(15-il minuta)**<br>**Il-Matematika**<br>***Il-Karta Mentali*** | | |
| 18.00 - 18.25<br>*Waqfa ta' 25 minuta* | 18.00 - 18.25<br>*Waqfa ta' 25 minuta* | 17.15 - 17.30<br>*Waqfa ta' 15-il minuta* | | |
| 18.25 – 18.55 | 18.25 – 18.55 | 17.30 – 18.45 | | |
| **(30 minuta)**<br>**Il-Malti**<br>***Il-Fehim mis-Smigħ*** | **(30 minuta)**<br>**L-Ingliż**<br>***Il-Fehim mis-Smigħ*** | **(Siegħa u 15-il minuta)**<br>**Il-Matematika**<br>***Il-Karta Miktuba*** | | |
| 18.55 – 19.10<br>*Waqfa ta' 15-il minuta* | 18.55 – 19.10<br>*Waqfa ta' 15-il minuta* | | | |
| 19.10 – 20.00 | 19.10 – 20.00 | | | |
| **(50 minuta)***<br>**Il-Malti**<br>***Il-Fehim mill-Qari*** | **(50 minuta)***<br>**L-Ingliż**<br>***Il-Fehim mill-Qari*** | | | |

* Studenti li għandhom Qarrej ikollhom 30 minuta miżjuda